Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ottubru 2025

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **ħalli dawk kollha li jħaddnu tradizzjonijiet reliġjużi differenti jaħdmu flimkien biex jiddefendu u jippromwovu l-paċi, il-ġustizzja u l-fraternità umana.**

**Ninġabar:**

Insib post għall-kwiet u nitlob lill-Mulej jgħinni nagħraf is-sejħa li qed jgħamilli biex nikkollabora ma' kull tip ta' persuni.

**Fatt ċkejken:**



Wieħed raġel ċempel il-bieb tas-Sorijiet Missjunarji tal-Karità u talabhom jgħinu lil familja Induwista li kellha tmint itfal li kien ilhom ġranet ma jieklu xi ħaġa. Malajr, Madre Teresa ħadet magħha ftit ross u marret f'dik id-dar biex tagħtihulhom. Malli daħlet għandhom, rat kemm għajnejn it-tfal kienu miksura bil-ġuħ li kellhom fuqhom, u Madre Tereża tat ir-ross lill-omm. Il-mara ħadet il-porzjon tar-ross, qasmitu fi tnejn, skużat ruħha u ħarġet 'il barra. Meta reġgħet lura, Madre Teresa staqsietha fejn marret. It-tweġiba tal-mara kienet: "Huma wkoll bil-ġuħ". Il-mara kienet taf li l-ġirien tagħha, familja Musulmana, kienu bil-ġuħ bħalhom u kienet marret id-dar tagħhom biex tagħtihom nofs il-porzjon tar-ross li kienet irċeviet.

Dak li għaġġeb lil Madre Teresa ma kienx il-fatt li din il-mara qasmet ir-ross, iżda għax kienet taf bit-tbatija tal-familja l-oħra. Minkejja s-sofferenza kbira tagħha meta kienet tara 'l uliedha bil-ġuħ u li m'għandha xejn x'tagħtihom, din il-mara ma ngħalqitx fiha nfisha. Ħarset madwarha u fehmet it-tbatija tal-familja qrib tagħha. Qasmet dak li rċeviet b'mod li gawda kulħadd. U ma tagħtx kas li l-familja l-oħra kienet ta' reliġjon differenti minn tagħha, imma ħasbet u aġixxiet fuq il-fatt li anki huma kienu bil-ġuħ. Ġesti żgħar bħal dawn li jibdlu s-soċjetà għax jagħmluha aktar fraterna u umana.

**Naħseb ftit:**

Fid-dinja, in-nies mhux bil-ġuħ biss għax l-istonku vojt, iżda bil-ġuħ ukoll għall-imħabba u għat-tama. Kif inġib ruħi ma' min hu differenti minni? Qalbi hija miftuħa tassew għalihom? Jew il-fatt li jkunu ta' reliġjon oħra jżommni lura?

**Nitlob:**

Mulej, għalkemm aħna lkoll uliedek, il-preġudizzju spiss jagħlqilna qalbna għal xi oħrajn. Agħtina l-grazzja li naraw lil kulħadd bl-għajnejn tiegħek. Agħmel li permezz ta' ġesti żgħar ta' mħabba nkattru l-ħlewwa u t-tjubija fost il-bnedmin.

**Kliem ta' dawl:**

M'hemmx għalfejn li tgħallem, tfejjaq, jew ittejjeb lill-oħrajn; jeħtieġ biss li tgħix fosthom, taqsam il-kondizzjoni umana tagħhom, u tkun hemm għalihom b'imħabba. *Charles de Foucauld*

**X'nista' nagħmel:**

Jekk hemm persuni ta' kultura jew reliġjon oħra fl-inħawi fejn noqgħod, fuq ix-xogħol, l-iskola, eċċ., ħa nkun jien li nagħmel l-ewwel pass biex niltaqa' magħhom. U jalla nuri mogħdrija lill-barranin u dawk differenti minni.